# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2021**

**Numru 4**

**Rikors Numru 744/2020 TA**

**Tyrell Corporation Limited (C 65518)**

**vs**

**(i) Yirun Europe GmbH, soċjeta` reġistrata ġewwa l-Ġermanja, b'numru ta' reġistrazzjoni HRB 180571B;**

**u;**

**(ii) Apassionata World GmbH, soċjeta` reġistrata ġewwa l-Ġermanja b'numru ta' reġistrazzjoni HRB 174493B**

**u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2020 Dr. Paul Micallef Grimaud ġie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawża bħala mandatarju speċjali tas-soċjetajiet konvenuti.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjetajiet konvenuti (ir-rikorrenti) tal-24 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu premettew u talbu is-segwenti:

"1. Illi permezz tal-preżenti rikors, is-soċjetajiet esponenti jixtiequ jġibu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li s-soċjeta` attriċi, cioe Tyrell Corporation Limited (C65518), kienet ġiet "*struck off as defunct*" b'effett mid-19 ta' Mejju 2021 (cioe d-data effettiva), u dan kif ikkonfermat mill-estratt meħud mill-*Malta Business Registry* hawn anness u mmarkat bħala **Dokument A**;

2. Illi dan sar wara r-Reġistratur tal-Kumpaniji fid-19 ta' Frar 2021 avża li kien ser iħassar din is-soċjeta Tyrell Corporation Ltd minn fuq ir-reġistru fl-eventwalita` li din tonqos milli tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha ai termini tal-*Companies Act (Register of Beneficial Ownership) Regulations (S.L. 386.19)* (ir-"**Regolamenti**"), u tagħti raġuni valida sabiex din tibqa' hekk reġistrata, fi żmien perentorju ta' tlett xhur (**Dokument B**). Dan ukoll wara l-istess Reġistratur kien bagħat avviż u twissija minn qabel lill-istess soċjeta Tyrell (**Dokument C**);

3. Illi b'hekk, jirriżulta illi din is-soċjeta Tyrell ġiet "*struck off as defunct*" mir-Reġistratur tal-Kumpaniji stante illi din naqset milli tosserva l-obbligi tagħha li tipprovdi lill-istess Reġistratur informazzjoni fuq is-sidien benefiċjarji tagħha, kif rikjest mir-Regolamenti fuq imsemmija, u barra minn hekk, kompliet li ma tottemperax ruħha ma' tali obbligi legali tagħha, nonostante dawn l-avviżi u twissijiet ripetuti mibgħuta mir-Reġistratur;

4. Illi b'żieda ma' l-inadempjenza tagħha mal-imsemmija Regolamenti, huwa wkoll il-każ li din is-soċjeta, Tyrell essenzjalment ġja kienet waqfet tissottometti dokumenti mar-Reġistratur tal-Kumpaniji għal numru ta' snin inkluż b'mod partikolari dokumenti bħall-"*annul return*" u "*financial statements*" li huma dokumenti mandatorji li għandhom jiġu provduti mill-kumpanija lir-Reġistratur fi żmien xieraq fuq bażi annwali;

5. Illi di piu, jirriżulta wkoll li soċjeta oħra Maltija u affiljata ma' dik attriċi, cioe kumpanija bl-isem ta' St. George Edition Limited (C 40902), u ta' liema is-sid benefiċjarju huwa l-istess sid benefiċjarju ta' Tyrell Corporation Limited, u cioe Peter Massine, reċentement ġiet ukoll "*struck off as defunct*" (**Dokument D**) u dan għall-istess raġunijiet, cioe minħabba nuqqasijiet u rregolaritajiet fir-rigward tal-obbligi tagħha taħt ir-Regolamenti;

6. Illi fl-umli opinjoni tas-soċjetajiet esponenti Apassionata World GmbH u Yirun Europe GmbH, dan kollu jsaħħaħ il-punti magħmul minnhom f'dawn il-proċeduri (u proċeduri oħra relatati), senjatament li s-soċjeta attriċi hija effettivament kumpanija inattiva, li ma tonorax l-obbligi regolatorji u kuntrattwali tagħha u li l-għan tal-eżistenza tagħha huwa dak biss li tipprova tikseb xi ħlas mhux dovut lilha mis-soċjetajiet esponenti;

7. Illi minkejja s-soċjeta attriċi ngħatat saħansitra perjodu biex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, hi baqgħet inadempjenti mal-obbligi legali tagħha (u bil-probabilita` kollha, din is-soċjeta x'aktarx akkumulat

diversi penali u multi amministrattivi li għandha tħallas lir-Reġistratur minħabba n-nuqqasijiet tagħha u li għadhom pendenti);

8. Illi għalhekk, korrettement ir-Reġistratur tal-Kumpaniji pproċeda billi ħassar l-isem tas-soċjeta attriċi Tyrell Corporation Limited mir-reġistru ai termini tar-regolament 9(3) tar-Regolamenti fuq imsemmija;

9. Illi f'dan ir-rigward, l-Att dwar il-Kumpanijji (Kap. 386) huwa ċar daqs il-kristall fuq il-punt li:

> "*Soċjeta kummerċjali għandha ppersonalita` ġuridika distinta minn dik tal membru jew tal-membri tagħha* ***u l-imsemmija personalita` ġuridika tibqa' sseħħ <u>sakemm l-isem tas-soċjeta kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru u b'hekk is-soċjeta kummerċjali tieqaf teżisti</u>***" (artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanijji)(emfasi miżjuda).

10. Illi la darba s-soċjeta attriċi llum il-ġurnata m'għadhiex teżisti, din is-soċjeta ma tistax tkun legalment preżenti jew tipparteċipa f'ebda seduti oħra fil-kawża odjerna, bħal ma l-anqas tista' tiġi legalment rappreżentata minn Avukat (u dwar dan, bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-esponenti u li din l-Onor Qorti qiegħda preżentement tikkunsidra, l-avukati difensuri tas-soċjeta attriċi għadhom jinsistu illi huma mhumiex qed jaġixxu jew jidhru f'isem is-soċjeta attriċi bħala mandatarji speċjali);

11. Illi għaldaqstant din il-kawża għandha tiġi kanċellata bl-ispejjeż;

12. Illi għal kull bwoni fini, jiġi rilevat ukoll illi la darba s-soċjeta attriċi m'għadhiex teżisti u tilfet il-personalita` ġuridika tagħha, lanqas ma tista' tkompli tipparteċipa bl-ebda mod f'dawn il-proċeduri (kif ingħad), jew saħansitra tressaq ebda risposta għal dan ir-rikors;

13. Illi jiġi puntwalizzat ukoll illi la darba l-azzjonisti ta' dik is-soċjeta, Tyrell Corporation Limited, mhumiex parti jew parteċipi f'dawn il-proċeduri, allura lanqas huma ma għandhom l-ebda *locus standi* li jidhru jew jipparteċipaw f'dawn il-proċeduri jew li jirrispondu għal dan ir-rikors;

14. Illi konsegwentement din il-kawża għandha tiġi kanċellata fis-seduta li jmiss tat-30 ta' Ġunju 2021, jew fl-alternattiv, is-soċjetajiet esponenti (li huma l-konvenuti f'din il-kawża) għandhom jiġu minnufih meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, ai termini ta' l-Artikolu 199(1) u/jew (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-ispejjeż. Fuq dan, l-istess artikolu 199 jistipula hekk:

> "*199. (1) Jekk,* ***wara li kawża tissejjaħ tliet darbiet****, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati tagħhom, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati jew il-prokuraturi legali tagħhom,* ***ma jidhrux, il-qorti tista' tordna t-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista, bi spejjeż tal-attur****.*
>
> *(2) Kemm-il darba jidher biss il-konvenut jew l-avukat jew il-prokutatur legali tiegħu, kif jagħti l-każ,* ***hu jista' jitlob li jiġi***

> ***meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju**, bl-ispejjeż” (fuq każijiet meta ma jidhirx l-attur)(emfasi miżjuda).*

> GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet ‘il fuq imsemmija kif ukoll oħrajn li jistgħu jinġiebu waqt is-seduta li jmiss tat-30 ta’ Ġunju 2021, s-soċjetajiet esponenti Apassionata World GmbH u Yirun Europe GmbH, cioe l-konvenuti f’din il-kawża, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun li tagħti:
>
> (i) tikkanċella din il-kawża ai termini tal-Artikolu 199(1) tal-Kap.12, jew
> (ii) fin-nuqqas li tintlaqa’ l-ewwel talba fuq riportata, tillibera lill-istess soċjetajiet esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 199 (2) tal-Kap 12,
>
> u dan bl-ispejjeż.”

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li l-abbli avukati tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tat-8 ta’ Novembru 2021;

Rat li ir-rikors imsemmi tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

Fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu żewġ rimedji, wieħed alternattiv għall-ieħor. L-ewwel rimedju li din il-Qorti tikkanċella l-kawża abbażi ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 199(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta u t-tieni wieħed li fin-nuqqas, tillibera lill-istess Soċjetajiet esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju skont kif jiddisponi l-artikolu 199(2) tal-istess Kap.

**L-artikolu 199(1)**

Dan is-subartikolu jiddisponi hekk:

*“Jekk, wara li kawża tissejjaħ tliet darbiet, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati tagħhom, jew, fil-kawżi quddiem il-qrati inferjuri, <u>il-parti l-waħda u l-</u>*

*<u>oħra jew l-avukati jew il-prokuraturi legali tagħhom, ma jidhrux</u>, il-qorti tista' tordna t-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista, bi spejjeż tal-attur."* (Emfażi tal-Qorti)

Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti u jirrisultalha li tajjeb jew ħażin, minkejja dak li qed isostnu s-Soċjetajiet rikorrrenti f'dan ir-rikors dejjem dehru fis-seduta. Imma anke kieku kellu jkun argumentat li s-Soċjeta` intimata ma dehritx, dan l-artikolu jiddisponi li ebda parti ma trid tidher meta f'dan il-każ l-istess Soċjetajiet rikorrrenti dejjem kienu rappresentati. Il-kanċellament tal-Kawża abbażi ta' dan l-artikolu huwa applikabbli biss fejn ħadd mill-partijiet jew rappresentanti tagħhom ma jidhru. Kuntrarjament għar-rimedju li jagħti subartikolu 199(2), li ser ikun trattat hawn taħt, il-kanċellament ma hux dritt tal-parti iżda prerogattiva tal-Qorti li tapplikah f'ġieħ iċ-ċelerita' tal-proċeduri. Di fatti l-Qorti **tista'** tordna l-kanċellament. Jiġifieri f'sitwazzjoni bħal din il-kanċellament ma hux tassattiv u ma jorbotx idejn il-Qorti.

Di piu' l-kanċellament l-anqas ma jfisser li bil-fors iġib it-tmiem tal-Kawża kif bħal donnhom qed jagħtu x'jifhmu s-Soċjetajiet rikorrenti tant li subartikolu tlieta tal-istess artikolu jiddisponi kemm fil-każ ta' kanċellament u anke ta' liberatorja "*jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors, li għandu jiġi pprezentat fiż-żmien ta' tliet xhur, jagħmel talba għaldaqshekk. Din it-talba għandha tintlaqa' għal darba waħda biss, u l-qorti għandha tappunta ġurnata għas-smiegħ tal-kawża bi spejjeż tal-attur, b'dan illi l-attur għandu jħallas, jew jiddepożita fir-reġistru tal-qorti qabel il-jum stabbilit*

*għas-smiegħ tal-kawża, l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa, u li joħorġu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqsu li jidhru, skont il-każ".*

Dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex tagħmel osservazzjoni importanti fir-rigward tal-fatt li fil-waqt is-Soċjetajiet rikorrenti jargumentaw li s-Soċjeta' intimata ġiet "struck off" u saħansitra jiċċitaw artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta, fis-sens li b'konsegwenza ta' hekk, waqfet milli tesisti u cioe defunta, iridu li l-Qorti tapplika l-effetti tal-artikolu minnhom ċitat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa argument kontro-sens. Il-komminazzjoni inkwistjoni tista' tkun applikata kontra parti li hija vijabbli u li mhux ma għadhiex tesisti. Tant, li l-istess liġi tippermetti lill-parti li jkollha interess tagħmel rikors għar-riappuntament tal-Kawża. Għalhekk huwa żgur li t-talbiet tas-Soċjetajiet intimati ma jistgħux ikunu applikati. Meta qed issir talba bħal din, huwa presuppost li l-parti kuntrarja għadha vijabbli jew għadha tesisti. Dan l-argument japplika ukoll għal talba li ssir taħt l-artikolu 199(2). Dan qed jingħad a skanz ta' repetizzjoni.

**Artikolu 199(2)**

Kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq , dak li ntqal fiż-żewġ paragrafi ta' qabel dan japplika ukoll għal dan is-subartikolu. Min jitlob il-liberatorja mill-osservanza abbażi tiegħu qiegħed jimxi fuq il-presuppost li l-parti l-oħra għadha ħajja, vijabbli u għadha tesisti. Jekk mhux hekk kif qatt ikun jista' jkun eżerċitat ir-rimedju mogħti f'artikolu 199(3). Għalhekk huwa kontradittorju li f'nifs

tgħid li l-kontro-parti ma għadhiex tesisti u fl-istess ħin titlob il-komminazzjoni taħt artikolu 199(2)! Dan biex ma jingħadx ukoll li dan l-artikolu jiddisponi li *Kemm-il darba jidher biss il-konvenut jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, kif jagħti l-każ, hu jista' jitlob li jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż.* Din il-parti tal-liġi tfisser li dan irid jintalab seduta stante oralment u reġistrabbli f'verbal tal-Qorti u mhux permezz tal-proċeduri magħżula mis-Soċjetajiet.

Di piu' fil-każ tal-liberazzjoni u anke ta' kanċellament, min jitlobha jaf li b'daqshekk l-azzjoni xorta hija riproponibbli, u dan jista' jsir biss minn persuna li tista' toqgħod fil-ġudizzju u mhux minn xi ħadd inesistenti. Di fatti il-**Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Ellul Sullivan -vs- Dimech tat-13 ta' Ottubru 1998** irriteniet illi:

"*Jekk il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju m'ghandhiex l-effett li tinnewtralizza l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tad-dritt ta' l-azzjoni in corso, multo magis m'ghandux ikollu tali effett il-kancellament ta' kawza fejn, kif inghad, il-Qorti bl-ebda mod ma tinvesti l-meritu u semplicement tiddesisti milli tiehu konjizzjoni taghha billi tordna li titnehha minn quddiemha. Kancellament li ma jipprekludix lill-attur id-dritt li jipproponi l-azzjoni sakemm ikun ghadu fiz-zmien li hekk jaghmel*".

F'dan l-istadju din il-Qorti ma hiex ser tidħol fil-mertu dwar x'jistgħu ikunu l-konsegwenzi jekk is-Soċjeta' intimata ġiet "*struck off*". Dan l-aspett huwa għal kollox indipendenti minn kull kunsiderazzjonijiet li qed isiru fir-rikors

odjern.  Jekk is-Soċjetajiet rikorrenti iridu jkomplu jippersistu dwar din il-kwistjoni sta għalihom kif iridu jirregolaw rwieħhom skont il-liġi.

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tas-Soċjetajiet rikorrenti kif mitluba fir-rikors odjern.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**